Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2025/0359(COD)

6.3.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2024/1689 u (UE) 2018/1139 fir-rigward tas-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni ta' regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (Omnibus Diġitali dwar l-IA)
(COM(2025)0836 – C10-0304/2025 – 2025/0359(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Emma Rafowicz

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jippreżenta lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-Kumitati responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) 2024/1689 tirrikjedi li l-aġġustamenti introdotti biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tiegħu fil-prattika ma jnaqqsux iċ-ċarezza u l-aċċessibbiltà tal-qafas regolatorju għal dawk meħtieġa li japplikawh. B'mod partikolari, meta r-Regolament jiġi applikat fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-kultura u l-media, fehim ċar tal-obbligi u s-salvagwardji relatati mal-użu tas-sistemi tal-IA jibqa' essenzjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva u konsistenti tiegħu, b'attenzjoni partikolari mogħtija lid-detenturi tad-drittijiet mis-setturi kulturali u kreattivi. Għalhekk, jenħtieġ li l-miżuri introdotti biex jappoġġaw il-konformità f'waqtha u proporzjonata ma' dan ir-Regolament ikomplu jappoġġaw iċ-ċarezza u l-aċċessibbiltà tar-rekwiżiti tiegħu, u b'hekk jikkontribwixxu għall-użu infurmat tas-sistemi tal-IA u l-fiduċja fl-implimentazzjoni tagħhom.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Minħabba f'hekk, hemm bżonn isiru emendi mmirati fir-Regolament (UE)	(3) Minħabba f'hekk, hemm bżonn isiru emendi mmirati fir-Regolament (UE)

2024/1689 biex jiġu indirizzati ċerti sfidi tal-implimentazzjoni, biex ir-regoli rilevanti jiġu applikati b'mod effettiv.	2024/1689 biex jiġu indirizzati ċerti sfidi tal-implimentazzjoni, biex ir-regoli rilevanti jiġu applikati b'mod effettiv. ***Peress li s-sistemi tal-IA qed jintużaw dejjem aktar fl-edukazzjoni u fis-setturi kulturali u kreattivi, l-implimentazzjoni tagħhom tista' tqajjem kunsiderazzjonijiet speċifiċi marbuta mal-proċessi tal-apprendiment, l-espressjoni kulturali u l-pluraliżmu tal-media. Għalhekk, meta jiġi applikat dan ir-Regolament, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lil dawn is-setturi sabiex jiġi appoġġat l-użu infurmat tal-IA u tinżamm il-fiduċja fl-implimentazzjoni tagħha. Fil-qasam tal-edukazzjoni, dan jirrikjedi speċifikament salvagwardji biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tas-sistemi tal-IA tippreserva l-awtonomija pedagoġika, tiggarantixxi standards għoljin ta' privatezza tad-data għall-istudenti, u tipprevjeni d-dipendenza fuq ekosistemi proprjetarji (intrappolament tal-klijentela).***

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2024/1689 bħalissa jimponi obbligu fuq il-fornituri u fuq l-implimentaturi kollha tas-sistemi tal-IA biex jiżguraw il-litteriżmu fl-IA tal-persunal tagħhom. L-iżvilupp tal-litteriżmu fl-IA, li jibda mill-edukazzjoni u mit-taħriġ u jkompli bit-tagħlim tul il-ħajja, hu kruċjali biex il-fornituri, l-implimentaturi u persuni affettwati oħra jitgħallmu l-kunċetti meħtieġa biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar il-varar tas-sistemi tal-IA. Iżda mill-esperjenza kollettiva tal-partijiet ikkonċernati jidher li soluzzjoni li tpoġġi lil kulħadd f'keffa waħda mhix adattata għat-tipi kollha ta' fornituri u	***imħassar***

implimentaturi fejn tidħol il-promozzjoni tal-litteriżmu fl-IA, u b'hekk tali obbligu orizzontali jsir ineffettiv biex jintlaħaq l-objettiv ta' din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, id-data tindika li l-impożizzjoni ta' tali obbligu toħloq piż regolatorju addizzjonali, b'mod partikolari fuq l-intrapriżi iżgħar, filwaqt li l-litteriżmu fl-IA jenħtieġ li jkun prijorità strateġika, irrispettivament mill-obbligi regolatorji u mis-sanzjonijiet potenzjali. Fid-dawl ta' dan, jenħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2024/1689 biex ikun jeżiġi li l-Istati Membri u l-Kummissjoni, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tagħhom, b'mod individwali, kollettiv u id f'id mal-partijiet ikkonċernati rilevanti jħeġġu lill-fornituri u lill-implimentaturi jipprovdu livell suffiċjenti ta' litteriżmu fl-IA lill-persunal tagħhom u lil persuni oħra li jaħdmu fit-tħaddim u l-użu tas-sistemi tal-IA f'isimhom, inkluż billi jagħtuhom opportunitajiet ta' taħriġ u jippermettu l-iskambju ta' prattiki tajbin u inizjattivi oħra mhux legalment vinkolanti. Il-Bord Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali ("Bord") se jiżgura l-iskambju rikorrenti bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar is-suġġett, filwaqt li l-Alleanza għall-Applikazzjoni tal-IA se tippermetti diskussjoni mal-komunità usa'. Din l-emenda hija mingħajr preġudizzju għall-miżuri usa' li jieħdu l-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jippromwovu l-litteriżmu fl-IA u l-kompetenzi tal-IA fost il-popolazzjoni usa', inkluż l-istudenti u ċ-ċittadini b'etajiet differenti, u b'mod partikolari bis-saħħa tas-sistemi edukattivi u tat-taħriġ.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Il-promozzjoni tal-litteriżmu fl-IA għandha rwol importanti fl-appoġġ tal-fehim taċ-ċittadini fl-IA u l-impatt tagħha fuq is-soċjetà, inkluża s-sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet u r-riskji assoċjati mal-IA, b'mod partikolari l-kapaċità li jiġu identifikati u miġġielda l-preġudizzji algoritmiċi, id-diskriminazzjoni, u l-amplifikazzjoni tad-diżinformazzjoni, u b'hekk tikkontribwixxi għall-governanza demokratika u s-sorveljanza pubblika tagħha. Fil-prattika, tali fehim jitrawwem permezz ta' programmi ta' edukazzjoni, taħriġ, taħriġ f'ħiliet u taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet, kif ukoll permezz ta' inizjattivi kulturali, tal-litteriżmu medjatiku u ta' sensibilizzazzjoni pubblika. Dawn l-inizjattivi usa' jikkomplementaw il-miżuri organizzattivi tal-litteriżmu fl-IA meħuda mill-fornituri u mill-implimentaturi tas-sistemi tal-IA għall-persunal tagħhom u għal persuni oħra li jaġixxu f'isimhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa, fil-kuntest tal-promozzjoni tal-litteriżmu fl-IA, li jinvolvu lill-fornituri tal-edukazzjoni, lill-istituzzjonijiet kulturali, lill-organizzazzjonijiet tal-media u lill-atturi tas-soċjetà ċivili, sabiex jiġi żgurat li l-inizjattivi tal-litteriżmu fl-IA jkunu aċċessibbli, inklużivi u adattati għal udjenzi u gruppi ta' età differenti.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(5b) Il-litteriżmu fl-IA, flimkien mal-litteriżmu medjatiku u diġitali, huwa partikolarment importanti għat-tfal u ż-żgħażagħ, li spiss ikunu esposti għal sistemi tal-IA minn età bikrija mingħajr għarfien suffiċjenti ta' preġudizzji, ineżattezzi, jew outputs qarrieqa, u tal-**

effetti li tali sistemi jista' jkollhom fuq il-fiduċja fl-informazzjoni, il-privatezza, u t-tfassil ta' opinjonijiet u mġiba. Il-miżuri għall-promozzjoni ta' dan il-litteriżmu jenħtieġ li jappoġġaw il-ħsieb kritiku, l-awtonomija diġitali, u t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati, u jenħtieġ li jitfasslu għal etajiet u kuntesti ta' tagħlim differenti.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 5c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5c) L-intelliġenza artifiċjali qed issir dejjem aktar preżenti fl-ambjenti diġitali użati mit-tfal u miż-żgħażagħ, inkluż fl-edukazzjoni, fil-media soċjali, fil-logħob online, u fil-pjattaformi kulturali u kreattivi. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/1689 jiġi applikat b'mod li jirrifletti kif it-tfal u ż-żgħażagħ jinteraġixxu mas-sistemi tal-IA u l-ħtieġa speċifika tagħhom għal protezzjoni u informazzjoni xierqa għall-età.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Sistemi tal-IA li jbiddlu, jimmanipulaw jew jipproduċu b'mod artifiċjali immaġnijiet jew videos li juru persuni fiżiċi involuti f'attivitajiet sesswalment espliċiti, li juru l-partijiet intimi ta' ġisimhom, jew li jneżżgħu persuna mingħajr il-kunsens, jikkawżaw ħsara lill-vittmi u jiksru d-drittijiet fundamentali għad-dinjità u l-privatezza. L-iżviluppi reċenti wrew l-inkompatibbiltà ta' ċerti prattiki tal-IA mal-qafas tad-

	drittijiet fundamentali tal-Unjoni. In-nudifikazzjoni tan-nisa, il-manipulazzjoni ta' immaġnijiet intimi u l-ġenerazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jikkostitwixxu ksur ċar tad-drittijiet fundamentali u tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, għad hemm inċertezza legali sinifikanti dwar jekk l-applikazzjonijiet tan-nudità li jaħdmu bl-IA jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-prattiki tal-IA pprojbiti mill-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2024/1689. L-Artikolu 112 ta' dak ir-Regolament jobbliga lill-Kummissjoni tivvaluta, fuq bażi annwali, il-ħtieġa li jiġu emendati l-lista ta' prattiki pprojbiti stabbilita fl-Artikolu 5 u l-lista stabbilita fl-Anness III, u tippreżenta s-sejbiet ta' dik il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni naqset milli tirrispetta l-iskadenza għall-perjodu ta' valutazzjoni preċedenti. Għal din ir-raġuni, jidher adegwat li jiġi speċifikat li l-prattiki pprojbiti skont l-Artikolu 5 jinkludu l-introduzzjoni fis-suq, it-tqegħid fis-servizz jew l-użu ta' sistema tal-IA li tista' tiġġenera jew timmanipula awdjo, immaġnijiet u videos sesswalizzati ta' individwi, u b'hekk tiffaċilita l-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' materjal intimu jew manipulat kif definit fid-Direttiva (UE) 2024/1385.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Biex tiġi ssimplifikata l-konformità u jitnaqqsu l-kostijiet assoċjati, il-fornituri tas-sistemi tal-IA jenħtieġ li ma jintalbux jirreġistraw is-sistemi tal-IA msemmija fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2024/1689 fil-bażi tad-data tal-UE skont l-Artikolu 49(2) ta' dak ir-Regolament. Peress li sistemi bħal dawn mhumiex	***imħassar***

meqjusa b'riskju għoli f'ċerti kundizzjonijiet meta ma joħolqux riskju sinifikanti ta' ħsara għas-saħħa, għas-sikurezza jew għad-drittijiet fundamentali tal-persuni, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti tar-reġistrazzjoni tikkostitwixxi piż regolatorju sproporzjonat. Iżda fornitur li jidhirlu li sistema tal-IA tkun taqa' taħt l-Artikolu 6(3) jibqa' obbligat jiddokumenta l-valutazzjoni tiegħu qabel ma dik is-sistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz. Din il-valutazzjoni tista' tintalab mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) L-estensjoni tal-opportunitajiet għall-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali tista' tappoġġa l-innovazzjoni, iżda jenħtieġ li ma tirriżultax fi gruppi vulnerabbli li jsiru popolazzjonijiet tal-ittestjar prestabbiliti. Meta l-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali jinvolvi sistemi tal-IA maħsuba għall-użu fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, jew jitwettaq f'ambjenti fejn il-minorenni x'aktarx li jiġu affettwati, jenħtieġ li l-pjan ta' ttestjar fid-dinja reali jistabbilixxi salvagwardji li jkunu speċifiċi għal dak l-ambjent, inklużi informazzjoni ċara għall-persuni affettwati u l-involviment sinifikattiv tal-implimentaturi bħal skejjel u organizzazzjonijiet oħra ta' interess pubbliku responsabbli għal dawk l-ambjenti.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Biex il-fornituri tas-sistemi tal-IA ġenerattiva soġġetti għall-obbligi tal-immarkar stabbiliti fl-Artikolu 50(2) tar-Regolament (UE) 2024/1689 jingħataw biżżejjed żmien biex ikunu jistgħu jadattaw il-prattiki tagħhom fi żmien raġonevoli mingħajr ma jinħoloq tfixkil fis-suq, jixraq jiġi introdott perjodu tranżitorju ta' 6 xhur għall-fornituri li diġà jkunu introdućew is-sistemi tagħhom fis-suq qabel it-2 ta' Awwissu 2026.	***imħassar***

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Biex jingħata żmien biżżejjed lill-fornituri tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli u biex jiġu ċċarati r-regoli applikabbli għas-sistemi tal-IA li jkunu diġà ġew introdotti fis-suq jew tqiegħdu fis-servizz qabel ma jibdew japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2024/1689, jixraq tiġi ċċarata l-applikazzjoni tal-perjodu ta' grazzja previst fl-Artikolu 111(2) ta' dak ir-Regolament. Il-perjodu ta' grazzja, għall-finijiet tal-Artikolu 111(2), jenħtieġ li japplika għal tip u mudell ta' sistemi tal-IA li jkunu diġà ġew introdotti fis-suq. Dan ifisser li jekk imqar unità individwali waħda tas-sistema tal-IA b'riskju għoli tkun ġiet introdotta fis-suq jew tqiegħdet fis-servizz legalment qabel id-data speċifikata fl-Artikolu 111(2), unitajiet individwali oħra tal-istess tip u mudell ta' sistema tal-IA b'riskju għoli jkunu soġġetti għall-perjodu ta' grazzja previst fl-Artikolu 111(2) u għalhekk jistgħu jkomplu jiġu introdotti fis-suq, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni jew jitqiegħdu fis-servizz fis-suq tal-Unjoni mingħajr obbligu jew rekwiżit addizzjonali jew mingħajr il-bżonn ta'	***imħassar***

ċertifikazzjoni addizzjonali, sakemm id-disinn ta' dik is-sistema tal-IA b'riskju għoli jibqa' l-istess. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-perjodu ta' grazzja previst fl-Artikolu 111(2), il-fattur deċiżiv hu d-data meta l-ewwel unità ta' dak it-tip u l-mudell ta' sistema tal-IA b'riskju għoli ġiet introdotta fis-suq jew tqiegħdet fis-servizz fis-suq tal-Unjoni għall-ewwel darba. Jenħtieġ li kwalunkwe bidla sinifikanti fid-disinn ta' dik is-sistema tal-IA wara d-data speċifikata fl-Artikolu 111(2) tiskatta l-obbligu tal-fornitur li jikkonforma għalkollox mad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha ta' dan ir-Regolament applikabbli għas-sistemi tal-IA b'riskju għoli, inkluż ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni tal-konformità.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) L-Artikolu 113 tar-Regolament (UE) 2024/1689 jistabbilixxi d-dati tad-dħul fis-seħħ u tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari li d-data tal-applikazzjoni ġenerali hija t-2 ta' Awwissu 2026. Għall-obbligi relatati mas-sistemi tal-IA b'riskju għoli stabbiliti fit-Taqsimiet 1, 2 u 3 tal-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2024/1689, id-dewmien fid-disponibbiltà tal-istandards, tal-ispeċifikazzjonijiet komuni, u ta' gwida alternattiva, u d-dewmien fl-istabbiliment tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jwasslu għal sfidi li jipperikolaw il-bidu effettiv tal-applikazzjoni ta' dak l-obbligu u jirriskjaw li jżidu ferm il-kostijiet tal-implimentazzjoni b'mod li ma jkunx jiġġustifika ż-żamma tad-data tal-applikazzjoni inizjali tagħhom, jiġifieri t-2 ta' Awwissu 2026. L-esperjenza tgħallem	***imħassar***

li jixraq jiġi stabbilit mekkaniżmu li jorbot il-bidu tal-applikazzjoni mad-disponibbiltà ta' miżuri b'appoġġ għall-konformità mal-Kapitolu III, li jista' jinkludi standards armonizzati, speċifikazzjonijiet komuni, u linji gwida tal-Kummissjoni. Dan jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonfermah b'deċiżjoni, li warajha jenħtieġ li japplikaw l-obbligi tar-regoli għas-sistemi tal-IA b'riskju għoli wara 6 xhur fir-rigward tas-sistemi tal-IA klassifikati b'riskju għoli skont l-Artikolu 6(2) u l-Anness III, u wara 12-il xahar fir-rigward tas-sistemi tal-IA klassifikati b'riskju għoli skont l-Artikolu 6(1) u l-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/1689. Iżda din il-flessibbiltà jenħtieġ li tiġi estiża biss sat-2 ta' Diċembru 2027 fir-rigward tas-sistemi tal-IA klassifikati b'riskju għoli skont l-Artikolu 6(2) u l-Anness III u sat-2 ta' Awwissu 2028 fir-rigward tas-sistemi tal-IA kklassifikati bħala b'riskju għoli skont l-Artikolu 6(1) u l-Anness I ta' dak ir-Regolament, sa liema dati dawk ir-regoli jenħtieġ li jibdew japplikaw fi kwalunkwe każ. Id-distinzjoni bejn il-bidu tal-applikazzjoni tar-regoli fir-rigward tas-sistemi tal-IA klassifikati b'riskju għoli skont l-Artikolu 6(2) u l-Anness III u l-Artikolu 6(1) u l-Anness I ta' dak ir-Regolament hi konsistenti mad-differenza bejn id-dati inizjali tal-applikazzjoni previsti fir-Regolament (UE) 2024/1689 u hi maħsuba biex tipprovdi ż-żmien meħtieġ għal adattament u implimentazzjoni tal-obbligi korrispondenti.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Fid-dawl tal-objettiv li jonqsu l-isfidi tal-implimentazzjoni għaċ-ċittadini,	(23) Fid-dawl tal-objettiv li jonqsu l-isfidi tal-implimentazzjoni għaċ-ċittadini,

in-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-kundizzjonijiet armonizzati għall-implimentazzjoni ta' ċerti regoli jeħtieġ jiġu adottati biss meta strettament meħtieġ. Għal dak il-għan, jixraq jitneħħew ċerti awtorizzazzjonijiet mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta tali kundizzjonijiet armonizzati b'atti ta' implimentazzjoni fil-każijiet meta ma jiġux issodisfati dawk il-kundizzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2024/1689 biex jitneħħew is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni fl-Artikolu 50(7), fl-Artikolu 56(6), u fl-Artikolu 72(3) tiegħu li tadotta atti ta' implimentazzjoni. It-tneħħija tas-setgħat mogħtija għall-adozzjoni ta' mudell armonizzat għal pjan ***ta' l-monitoraġġ*** ta' wara t-tqegħid fis-suq fl-Artikolu 72(3) tar-Regolament (UE) 2024/1689 għandha l-benefiċċju ukoll li toffri aktar flessibbiltà lill-forniturі tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli biex jistabbilixxu sistema tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq li tkun imfassla apposta għall-organizzazzjoni tagħhom. Fl-istess ħin, filwaqt li jingħaraf il-bżonn li tiġi offruta ċarezza dwar kif il-forniturі tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli jeħtieġ jikkonformaw, ***l-Kummissjoni*** jenħtieġ li tkun meħtieġa tippubblika gwida.

in-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-kundizzjonijiet armonizzati għall-implimentazzjoni ta' ċerti regoli jeħtieġ ***li*** jiġu adottati biss meta strettament meħtieġ. Għal dak il-għan, jixraq jitneħħew ċerti awtorizzazzjonijiet mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta tali kundizzjonijiet armonizzati b'atti ta' implimentazzjoni fil-każijiet meta ma jiġux issodisfati dawk il-kundizzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2024/1689 biex jitneħħew is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni fl-Artikolu 50(7), fl-Artikolu 56(6), u fl-Artikolu 72(3) tiegħu li tadotta atti ta' implimentazzjoni. It-tneħħija tas-setgħat mogħtija għall-adozzjoni ta' mudell armonizzat għal pjan ***tal-monitoraġġ*** ta' wara t-tqegħid fis-suq fl-Artikolu 72(3) tar-Regolament (UE) 2024/1689 għandha l-benefiċċju ukoll li toffri aktar flessibbiltà lill-forniturі tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli biex jistabbilixxu sistema tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq li tkun imfassla apposta għall-organizzazzjoni tagħhom. Fl-istess ħin, filwaqt li jingħaraf il-bżonn li tiġi offruta ċarezza dwar kif il-forniturі tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli jeħtieġ ***li*** jikkonformaw, ***il-Kummissjoni*** jenħtieġ li tkun meħtieġa tippubblika gwida. ***F'dak il-kuntest, il-kodiċijiet ta' prattika mħeġġa mill-Uffiċċju għall-IA skont l-Artikolu 50(7) jenħtieġ li, meta rilevanti, jipprovdu gwida dwar kif l-informazzjoni xierqa għall-utenti u s-sensibilizzazzjoni xierqa tal-utenti jistgħu jiġu żgurati b'mod proporzjonat, inkluż f'sitwazzjonijiet fejn is-sistemi tal-IA jippreżentaw riskji aktar baxxi, b'mod partikolari fl-edukazzjoni u t-taħriġ, fis-servizzi tal-media u tal-informazzjoni, fl-attivitajiet kulturali u kreattivi, jew fil-forniment ta' servizzi pubbliċi.***

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) l-Artikolu (4) huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 4	
Litteriżmu fl-IA	
Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-fornituri u lill-implimentaturi tas-sistemi tal-IA biex jieħdu miżuri biex jiżguraw livell suffiċjenti ta' litteriżmu fl-IA tal-persunal tagħhom u ta' persuni oħra relatati mat-tħaddim u l-użu ta' sistemi tal-IA f'isimhom, filwaqt li jitqiesu l-għarfien, l-esperjenza, il-livell edukattiv u t-taħriġ tekniku tagħhom u l-kuntest li fih ikunu se jintużaw is-sistemi tal-IA, u b'kunsiderazzjoni għall-persuni jew għall-gruppi ta' persuni li s-sistemi tal-IA jkunu se jintużaw fuqhom.";	

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 4a – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) għall-iskop uniku li jiġu identifikati u mmitigati l-preġudizzji algoritmiċi li jistgħu jaffettwaw il-pluraliżmu tal-media u d-diversità tal-informazzjoni, il-fornituri tas-sistemi tal-IA b'riskju kbir użati fl-ekosistema tal-media jistgħu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali u strettament limitati, jipproċessaw kategoriji speċjali ta' data personali,

dment li:

(i) tali pproċessar huwa strettament meħtieġ u ma jistax jinkiseb b'mod effettiv permezz tal-użu ta' data anonimizzata, aggregata jew sintetika;

(ii) l-ipproċessar ikun limitat fil-kamp ta' applikazzjoni, fid-durata u fl-aċċess, u ma jwassalx għall-identifikazzjoni, għat-tfassil ta' profili jew għall-kategorizzazzjoni ta' utenti individwali;

(iii) ma ssir l-ebda inferenza rigward l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew karatteristiċi protetti oħra ta' persuni fiżiċi;

(iv) jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa f'konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data biex jiġu żgurati l-kunfidenzjalità, is-sigurtà u r-responsabbiltà;

(v) id-data personali titħassar mingħajr dewmien żejjed ladarba l-preġudizzju jkun ġie identifikat u mmitigat;

(vi) l-utenti jiġu infurmati b'mod ċar u aċċessibbli li d-data personali tagħhom tista' tiġi pproċessata, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, għall-iskop uniku li jiġu identifikati u mmitigati l-preġudizzji algoritmiċi, u jiġu pprovduti b'informazzjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni, is-salvagwardji, u d-drittijiet applikabbli għal tali pproċessar.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 4a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Id-data personali tat-tfal hija espliċitament ipprojbita milli tinġabar, tiġi pproċessata jew użata b'xi mod ieħor.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Fl-Artikolu 5(1), jiżdied il-punt li ġej:
	"(ha) l-introduzzjoni fis-suq, it-tqegħid fis-servizz jew l-użu ta' sistema tal-IA li tista' tibdel, timmanipula jew tiġġenera immaġnijiet jew videos sabiex tirrappreżenta attivitajiet sesswalment espliċiti jew il-partijiet intimi ta' persuna fiżika, jew li tneżża' lil dik il-persuna, u li tista' tiffaċilita l-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' materjal intimu jew manipulat kif definit fid-Direttiva (UE) 2024/1385[1a].
	[1a] Id-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (ĠU L, 2024/1385, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1385/oj).

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) fl-Artikolu 6(4), il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"4. Fornitur li jkun jidhirlu li sistema tal-IA msemmija fl-Anness III mhix b'riskju	

għoli għandu jiddokumenta l-valutazzjoni tiegħu qabel ma dik is-sistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz. Meta jintalab mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-fornitur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni.";

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) fl-Artikolu 49, jitħassar il-paragrafu 2;	***imħassar***

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 50 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Uffiċċju għall-IA għandu jħeġġeġ u jiffaċilita t-tfassil ta' kodiċijiet ta' prattika fil-livell tal-Unjoni biex jiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi rigward is-sejbien, l-immarkar u t-tikkettar tal-kontenut iġġenerat jew manipulat b'mod artifiċjali. Il-Kummissjoni tista' ***tivvaluta jekk l-osservanza ta'*** dawk il-kodiċijiet ta' prattika ***hix adegwata biex tiżgura l-konformità mal-obbligu stabbilit fil-paragrafu 2,*** f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 56(6)***, l-ewwel subparagrafu***. Jekk ikun jidhrilha li l-kodiċi ma jkunx adegwat, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika regoli komuni għall-implimentazzjoni ta' dawk l-obbligi	7. L-Uffiċċju għall-IA għandu jħeġġeġ u jiffaċilita t-tfassil ta' kodiċijiet ta' prattika fil-livell tal-Unjoni biex jiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi rigward is-sejbien, l-immarkar u t-tikkettar tal-kontenut iġġenerat jew manipulat b'mod artifiċjali. Il-Kummissjoni tista' ***tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tapprova*** dawk il-kodiċijiet ta' prattika f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 56(6). Jekk ikun jidhrilha li l-kodiċi ma jkunx adegwat, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika regoli komuni għall-implimentazzjoni ta' dawk l-obbligi f'konformità mal-proċedura ta' eżami stipulata fl-Artikolu 98(2). ***Dawk il-kodiċijiet ta' prattika għandhom, meta***

f'konformità mal-proċedura ta' eżami stipulata fl-Artikolu 98(2).

rilevanti, jindirizzaw kif l-informazzjoni xierqa għall-utenti u s-sensibilizzazzjoni xierqa tal-utenti jistgħu jiġu żgurati b'mod proporzjonat, inkluż f'każijiet fejn is-sistemi tal-IA jitqiesu li jippreżentaw riskji aktar baxxi, b'mod partikolari meta użati fl-edukazzjoni u t-taħriġ, fis-servizzi tal-media u tal-informazzjoni, fl-attivitajiet kulturali u kreattivi, jew fil-forniment ta' servizzi pubbliċi.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 56 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Il-Kummissjoni*** u l-Bord għandhom jimmonitorjaw u jevalwaw regolarment il-kisba tal-objettivi tal-kodiċijiet ta' prattika mill-parteċipanti u l-kontribut tagħhom għall-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni***, filwaqt li ***tqis*** bl-akbar attenzjoni l-opinjoni tal-Bord, ***għandha tivvaluta*** jekk il-kodiċijiet ta' prattika jkoprux l-obbligi previsti fl-Artikoli 53 u 55, u ***għandha timmonitorja*** u ***tevalwa*** regolarment il-kisba tal-objettivi tagħhom. ***Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-valutazzjoni tagħha*** tal-adegwatezza tal-kodiċijiet ta' prattika.	6. ***L-Uffiċċju għall-IA*** u l-Bord għandhom jimmonitorjaw u jevalwaw regolarment il-kisba tal-objettivi tal-kodiċijiet ta' prattika mill-parteċipanti u l-kontribut tagħhom għall-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament. ***L-Uffiċċju għall-IA u l-Bord***, filwaqt li ***jqisu*** bl-akbar attenzjoni l-opinjoni tal-Bord, ***għandhom jivvalutaw*** jekk il-kodiċijiet ta' prattika jkoprux l-obbligi previsti fl-Artikoli 53 u 55, u ***għandhom jimmonitorjaw*** u ***jevalwaw*** regolarment il-kisba tal-objettivi tagħhom. ***Għandhom jippubblikaw il-valutazzjoni tagħhom*** tal-adegwatezza tal-kodiċijiet ta' prattika.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tfittex li tiżgura li l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u d-divulgazzjoni tal-adegwatezza tal-kodiċijiet ta' prattika jkunu konsistenti bis-sħiħ mal-arranġamenti ta' governanza stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-inkarigar ta' dawn ir-responsabbiltajiet lill-Uffiċċju għall-IA u lill-Bord ipoġġi s-sorveljanza f'idejn il-korpi li għandhom mandat speċifiku għas-superviżjoni teknika. Barra minn hekk, l-assenjazzjoni mill-ġdid ta' dan ir-rwol lill-Bord hija meħtieġa biex jinżamm bilanċ istituzzjonali xieraq.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 70 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jipprovdu gwida u pariri dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari lill-SMCs u lill-SMEs, inkluż in-negozji ġodda, filwaqt li jqisu l-gwida u l-pariri tal-Bord u tal-Kummissjoni, kif ikun xieraq. Kull meta l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkun beħsiebhom jipprovdu gwida u pariri b'rabta ma' sistema tal-IA f'oqsma koperti minn liġijiet oħra tal-Unjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont dik il-liġi tal-Unjoni għandhom jiġu kkonsultati, kif xieraq.	8. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jipprovdu gwida u pariri dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari lill-SMCs u lill-SMEs, inkluż in-negozji ġodda, ***u, meta rilevanti, lill-implimentaturi tas-settur pubbliku, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi lokali u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u kulturali ffinanzjati pubblikament,*** filwaqt li jqisu l-gwida u l-pariri tal-Bord u tal-Kummissjoni, kif ikun xieraq. Kull meta l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkun beħsiebhom jipprovdu gwida u pariri b'rabta ma' sistema tal-IA f'oqsma koperti minn liġijiet oħra tal-Unjoni***, inklużi l-protezzjoni tad-data, il-protezzjoni tal-konsumatur u s-servizzi tal-media awdjoviżiva***, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont dik il-liġi tal-Unjoni għandhom jiġu kkonsultati, kif xieraq.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 72 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Is-sistema tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq għandha tkun ibbażata fuq pjan tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq. Il-pjan tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq għandu jkun parti mid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness IV. Il-Kummissjoni għandha tadotta gwida dwar il-pjan tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq.	3. Is-sistema tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq għandha tkun ibbażata fuq pjan tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq. Il-pjan tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq għandu jkun parti mid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness IV. Il-Kummissjoni għandha tadotta gwida dwar il-pjan tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq***, inklużi eżempji prattiċi għal sistemi tal-IA b'riskju għoli***

	varati fl-edukazzjoni u fit-taħriġ vokazzjonali u f'servizzi pubbliċi oħra, u dwar indikaturi ta' monitoraġġ li jistgħu jindikaw impatti negattivi fuq id-drittijiet fundamentali, inklużi eżiti diskriminatorji.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 95 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Uffiċċju għall-IA u l-Istati Membri għandhom iqisu l-interessi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMCs u tal-SMEs, inkluż in-negozji ġodda, meta jħeġġu u jiffaċilitaw it-tfassil ta' kodiċijiet tal-kondotta.	4. L-Uffiċċju għall-IA u l-Istati Membri għandhom iqisu l-interessi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMCs u tal-SMEs, inkluż in-negozji ġodda, ***kif ukoll il-ħtiġijiet operazzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi lokali u tal-organizzazzjonijiet ta' interess pubbliku, inklużi l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u kulturali, meta jkunu mistennija jużaw jew jibbenefikaw minn tali kodiċijiet,*** meta jħeġġu u jiffaċilitaw it-tfassil ta' kodiċijiet tal-kondotta.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 28
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 96 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta toħroġ tali linji gwida, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet tal-SMCs u tal-SMEs, inkluż in-negozji ġodda, tal-awtoritajiet pubbliċi lokali u tas-setturi li aktarx jiġu affettwati minn dan ir-Regolament.	Meta toħroġ tali linji gwida, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet tal-SMCs u tal-SMEs, inkluż in-negozji ġodda, tal-awtoritajiet pubbliċi lokali u tas-setturi li aktarx jiġu affettwati minn dan ir-Regolament***, inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-attivitajiet kulturali u kreattivi, u s-servizzi tal-media u tal-***

informazzjoni.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30 – punt a
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 111 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 5 kif imsemmi fl-Artikolu 113(3), it-tielet paragrafu, il-punt (a), dan ir-Regolament għandu japplika ***għall-operaturi*** tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli li ma jkunux is-sistemi imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, li ġew introdotti fis-suq jew li tqiegħdu fis-servizz qabel id-data tal-applikazzjoni tal-Kapitolu III u l-obbligi korrispondenti msemmija fl-Artikolu 113, biss jekk minn dik id-data dawk is-sistemi jkunu soġġetti għal bidliet sinifikanti fid-disinni tagħhom. Fi kwalunkwe każ, il-fornituri u l-implimentaturi tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli maħsuba biex jintużaw mill-awtoritajiet pubbliċi għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex sat-2 ta' Awwissu 2030 ikunu kkonformaw mar-rekwiżiti u l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament.	2. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 5 kif imsemmi fl-Artikolu 113(3), it-tielet paragrafu, il-punt (a), dan ir-Regolament għandu japplika ***għall-implimentaturi u għall-fornituri*** tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli li ma jkunux is-sistemi imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, li ġew introdotti fis-suq jew li tqiegħdu fis-servizz qabel id-data tal-applikazzjoni tal-Kapitolu III u l-obbligi korrispondenti msemmija fl-Artikolu 113, biss jekk minn dik id-data dawk is-sistemi jkunu soġġetti għal bidliet sinifikanti fid-disinni tagħhom. Fi kwalunkwe każ, il-fornituri u l-implimentaturi tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli maħsuba biex jintużaw mill-awtoritajiet pubbliċi għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex sat-2 ta' Awwissu 2030 ikunu kkonformaw mar-rekwiżiti u l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30 – punt b
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 111 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:	***imħassar***
"4. Il-fornituri tas-sistemi tal-IA, inkluż tas-sistemi tal-IA bi skop ġenerali, li	

jiġġeneraw kontenut sintetiku ta' awdjo, immaġnijiet, video jew test, u li jkunu ġew introdotti fis-suq qabel it-2 ta' Awwissu 2026 għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jikkonformaw mal-Artikolu 50(2) sat-2 ta' Frar 2027.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 113

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) l-Artikolu 113 huwa emendat kif ġej:	***imħassar***
(a) fit-tielet paragrafu, jiżdied il-punt (d):	
"(d) Il-Kapitolu III, it-Taqsimiet 1, 2, u 3, għandhom japplikaw wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonferma li jkunu disponibbli miżuri adegwati b'appoġġ għall-konformità mal-Kapitolu III, mid-dati li ġejjin:	
(i) 6 xhur wara l-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni fir-rigward tas-sistemi tal-IA klassifikati b'riskju għoli skont l-Artikolu 6(2) u l-Anness III, u	
(ii) 12-il xahar wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni fir-rigward tas-sistemi tal-IA klassifikati b'riskju għoli skont l-Artikolu 6(1) u l-Anness I.	
Fin-nuqqas tal-adozzjoni tad-deċiżjoni skont it-tifsira tas-subparagrafu 1, jew meta d-dati ta' hawn taħt ikunu qabel dawk li jiġru wara l-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni, il-Kapitolu III, it-Taqsimiet 1, 2, u 3, għandu japplika:	
(i) fit-2 ta' Diċembru 2027 fir-rigward tas-sistemi tal-IA klassifikati b'riskju għoli skont l-Artikolu 6(2) u l-Anness III, u	
(ii) fit-2 ta' Awwissu 2028 fir-rigward tas-sistemi tal-IA klassifikati b'riskju għoli	

skont l-Artikolu 6(1) u l-Anness I.";

(b) fit-tielet paragrafu, jiżdied il-punt (e):

"(e) L-Artikoli 102 u 110 għandhom japplikaw minn [id-data meta jibda japplika dan ir-Regolament].";

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) fl-Anness VIII, titħassar it-Taqsima B;	***imħassar***

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li fl-opinjoni tagħha ma inkludietx kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Emenda tar-Regolamenti (UE) 2024/1689 u (UE) 2018/1139 fir-rigward tas-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni ta' regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (Omnibus Diġitali dwar l-IA)
Referenzi	COM(2025)0836 – C10-0304/2025 – 2025/0359(COD)
Kumitati responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO LIBE 19.1.2026 19.1.2026
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 19.1.2026
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Emma Rafowicz 20.1.2026
Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	 19.1.2026
Eżami fil-kumitat	9.2.2026
Data tal-adozzjoni	5.3.2026
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 18 –: 0 0: 3

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

18	+
NI	Nikolaos Anadiotis
PPE	Maravillas Abadía Jover, Niels Geuking, Eleonora Meleti, Matej Tonin, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver
Renew	Laurence Farreng, Hristo Petrov, Brigitte van den Berg
S&D	Maria Guzenina, Nikos Papandreou, Emma Rafowicz, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek
The Left	Carolina Morace
Verts/ALE	Diana Riba i Giner, Nela Riehl

0	-

3	0
ECR	Ivaylo Valchev
ESN	Irmhild Boßdorf
PfE	Catherine Griset

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni